# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2002.**

**Numru 53**

**Citaz. Nru. 333/00GV**

Doc. Nru. 291-02

**Konkors ta' Kredituri tas-socjeta'**
**Bonear Communications Limited.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**Cedoli**

Dawn il-proceduri saru in sewgitu ghad-depozitu fir-Registru tal-Qorti tas-somma komplessiva ta' tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) in forza ta' hames (5) cedoli ta' depozitu bin-numri: 302/99 fl-ismijiet Kunsill Lokali tal-Mosta vs George Abela vs Bonear Communications Limited datata 15 ta' Marzu, 1999 ghall-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) [fol. 3]; 625/99 fl-istess ismijiet ghall-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) u datata 15 ta' Gunju, 1999 [fol. 5]; 712/99 fl-istess ismijiet ghall-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) u datata 12 ta' Gunju, 1999 [fol. 7]; 747/99 fl-istess ismijiet ghall-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) u datata 19 ta' Lulju, 1999 [fol. 9]; u 865/99 fl-istess ismijiet ghall-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) u datata 1 ta' Settembru, 1999 [fol. 11].

**Rikors**

Fit-22 ta' Frar, 2000 is-socjeta' HSBC Bank Malta plc ipprezentat rikors (fol.1). fejn talbet illi jinfethu l-proceduri tal-konkors ta' kredituri fil-konfront ta' Bonear Communications Limited u dan wara li gie premess is-segwenti:-

Illi permezz ta' zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datati 31 ta' Awissu, 1998 u rezi ezekuttivi permezz ta' ittri ufficjali datati 11 ta' Marzu, 1999 is-socjeta' HSBC Bank Malta plc giet ikkonfermata kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma komplessiva ta' mija u sitta u hamsin elf tlett mija u wiehed lira Maltija in kwantu ghal Lm126,439 dovuti fuq *overdraft account* u Lm29,862 dovuti fuq *loan account* oltre l-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mill-31 ta' Awissu, 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi oppozizzjoni ghall-izbank tal-ammont iddepozitat saret minn kredituri ohra fil-forma ta' mandati ta' sekwestri numri: 4102/97 fl-ismijiet: FMC Motors Limited vs Bonear Communications Limited; 5488/97 fl-ismijiet: George Abela vs Bonear Communications Limited u mandat iehor fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Bonear Communications Limited.

**Digriet**

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2000 il-Qorti wara li rat l-artiklu 416 tal-Kap. 12 ordnat ir-Registratur biex jippubblika l-avvizi kontemplati fl-istess artiklu fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda u ordnat li kull min ghandu nteress ghandu jressaq il-pretenzjoni tieghu sat-30 ta' April, 2000.

Illi in adempiment ma' dan id-digriet jirrilzulta illi dehru avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 38) u fil-gazzetta lokali The Times tat-2 ta' Mejju, 2000 (fol. 64).

**Ir-Rikorsi tal-Kredituri**

F'dan il-konkors gew prezentati rikorsi mill-kredituri segwenti:-

(a) Bank of Valletta plc ipprezentat rikors fil-15 ta' Marzu, 2000 (fol. 17) u ppremettiet li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef datat 26 ta' Marzu, 1997 is-socjeta' intimata kkostitwit ruhha veru, certa u likwida debitrici tas-socjeta' esponent fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm24,343.65) liema debitu ghadu dovut.

Illi d-debitu huwa munit b'diversi ipoteki li jippregradaw lil dawk ta' terzi kredituri u cioe' dawk tan-numri I18977/90, I16728/94 u 14690/97.

Ghalhekk il-Bank of Valletta plc talbet li tigi ammessa fil-lista tal-kredituri.

(b) George u Mary konjugi Abela pprezentaw rikors fis-17 ta' Marzu, 2000 (fol. 24) u ppremettew li huma kredituri tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' erbghin elf tlett mija u tmenin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm40,380.99) in kwantu ghal Lm38,423 sorte skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet George Abela et vs Bonear Communications Limited (Citaz. Nru: 2842/96GV) liema sentenza ma gietx appellata, Lm1,957.99 spejjez tal-proceduri u dana oltre l-imghax skond l-istess sentenza.

Illi l-kreditu tal-esponenti huwa munit b'ipoteka li giet insinwata fir-Registru Pubbliku fl-14 ta' Lulju, 1999, u li s-somom depozitati u li a bazi tieghu qeghdin isiru dawn il-proceduri gew hekk depozitati konsegwenza ta' mandat ta' sekwestru numru 5488/97 fl-ismijiet George Abela et vs Bonear Communications Limited.

Talbu l-kredituri esponenti li l-kreditu taghhom jigi gradwat dwar il-flus depozitati.

(c) FMC Motors Limited ipprezentat rikors fit-30 ta' Mejju, 2000 (fol. 34) u ppremettiet li b'sentenza tal-15 ta' Marzu, 1999 fil-kawza fl-ismijiet FMC Motors Ltd vs Bonear Communication Ltd (Citaz. Nru: 873/97RCP), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' hamest elef tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm5,379.45) bhala sorte, oltre l-ispejjez gudizzjarji fl-ammont ta' Lm580.08 u Lm57.80 bhala ETS/VAT u Lm423.28 imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mill-15 ta' Marzu, 1999. B'kollox Lm6,440.61

Talbet is-socjeta' esponenti li tigi awtorizzata tidhol f'dawn il-proceduri.

Noti ta' HSBC Bank Malta plc.

Illi permezz ta' nota prezentata:

(a) Fit-22 ta' Marzu, 2001 (fol. 169) is-socjeta' HSBC Bank Malta plc iddikjarat li permezz ta' kuntratt pubbliku datat 20 ta' Frar, 2001 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Vassallo Agius (fol. 170) hallset b'surroga lill-Bank of Valletta plc l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm26,624.52) u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet ta' Bank of Valletta plc; u

(b) Fid-9 ta' April, 2001 (fol. 176) is-socjeta' HSBC Bank Malta plc iddikjarat li permezz ta' kuntratt pubbliku datat 15 ta' Mejju, 2000 fl-att tan-nutar Dr. Joseph Vassallo Agius (fol. 177) hallset b'surroga lil HSBC Home Loans (Malta) Limited l-ammont ta' ghaxart elef disgha mija u sitta u tletin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm10,963.98) u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Illi mill-provi jirrizulta illi l-kreditu tal-HSBC Bank Malta plc huwa insinwat permezz ta' diversi iskrizzjonijiet ipotekarji. Inoltre, fil-mori ta' dawn il-proceduri s-socjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Bank of Valletta plc permezz ta' att pubbliku datat 20 ta' Frar, 2001 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Vassallo Agius (fol. 170). Ghalhekk il-Bank of Valletta plc m'ghadx ghandu nteress f'dawn il-proceduri in vista tal-fatt li huwa thallas is-somma ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm26,624.52) minghand l-HSBC Bank Malta plc u ssurroga l-istess bank fid-drittijiet tieghu. Dan il-kreditu kien, u ghadu, munit b'ipoteka I 18977/90 (fol. 76) ghal Lm10,000 u I 16728/94 ghal Lm10,000 (fol. 177).

2. Illi r-rikorrenti George u Mary konjugi Abela permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-11 ta' Marzu, 2002 (fol. 196) iddikjaraw li: *"dwar is-sorte ossia l-ammont ta' Lm34,423, l-esponenti jissottometti illi jaqbel illi l-pretenzjonijiet tal-bank ghandhom jinghataw precedenza peress illi l-ipoteki iskritti favur il-bank gew iskritti f'dati precedenti ghall-ipoteka iskritta favur l-esponent*" (fol. 196).

Huwa maghruf li: "*hypothecary creditors rank prior to creditors in whose favour a hypothec has been subsequently registered and always rank prior to creditors who do not enjoy a cause of preference*" (Aspects of Maltese Law for Bankers, Dr. Philip Farrugia Randon, pagna 49). Mill-atti jirrizulta li l-ipoteka generali li ghandhom favur taghhom il-konjugi Abela (fol. 33), giet insinwata wara dawk tar-rikorrenti HSBC Bank Malta plc. Madankollu huma qed jippretendu li ghandhom jiggradwaw qabel l-HSBC Bank Malta plc fir-rigward tas-somma ta' elf disa' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm1,957.99) li jirreferu ghall-ispejjez legali (fol. 32) u dan peress li jikkontendu li ghandhom privilegg legali ghat-tenur ta' l-Artikolu 2009(d) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

L-Artikolu 2009(d) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas ta' prezz ta' haga jew xogholijiet, fornimenti jew spejjez li jkunu servew biex issir il-haga jew biex tinzamm fi stat tajjeb jew biex issir ahjar milli tkun. Huwa privilegg moghti fuq il-haga li tkun tifforma l-oggett tal-bejgh, u japplika ghall-ispejjez legali biss fir-rigward tal-kawza li tkun saret sabiex tittiehed lura l-haga, fuq il-haga nfisha, jekk tkun mehuda lura. Il-kawza li giet intavolata mill-konjugi Abela u deciza permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999 (fol. 26) ma kenitx ghar-radd lura ta' l-oggett u l-meritu lanqas kien ghall-prezz ta' bejgh ta' oggett u/jew prezz ghal xogholijiet, fornituri jew spejjez li servew biex issir haga jew biex tinzamm fi stat tajjeb jew issir ahjar milli tkun. Dan apparti l-konsiderazzjoni li l-Artikolu 2009 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jikkontempla privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli partikolari.

Ta' rilevanza huwa l-Artikolu 2004 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jipprovdi:

"L-ispejjez li kreditur jaghmel ghall-kreditu tieghu nnifsu u li mhumiex ta' gid ghall-kredituri l-ohra, jitqiesu bhala accessorju tal-kreditu stess".

3. Fir-rigward tal-kumpannija FMC Motors Limited, hija tippretendi li tgawdi privilegg specjali ghat-tenur ta' l-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Din is-socjeta' ma ressqet l-ebda prova tal-kreditu li fuqu tippretendi li ghandha tigi gradwata dwar il-flus depozitati fil-Qorti. Mill-atti ma jirrizultax li l-kreditu ta' din il-kumpannija huwa munit b'xi garanzija ipotekarja u/jew li huwa privileggat skond id-disposizzjonjiet tal-Kodici Civili. Jekk il-pretensjoni ta' FMC Motors Ltd hija fuq mobbli partikolari kwalunkwe privilegg ghandu jsewgi dak il-mobbli partikolari. Art 2009 Kap 16.

**KONKLUZZJONI**

Mill-provi li tressqu s-socjeta' HSBC Bank Malta plc rnexxielha tipprova l-kreditu taghha u jirrizulta li l-kreditu taghha huwa munit b'garanziji

ipotekarji li gew insinwati qabel dawk tal-konkorrenti l-ohra, u b'hekk jaghtuha d-dritt li tigi gradwata qabilhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi li:

billi l-ammont depozitat ta' tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) ikopri biss parti mill-krediti fuq imsemmija, il-flus depozitati ghandhom jithallsu b'din il-gradwazzjoni:

1. Ir-Registratur tal-Qorti ghall-ispejjez u dritt tar-Registru ta' dan il-konkors (skond l-Artikolu 2003 tal-Kodici Civili – Kap. 16);

2. HSBC Bank Malta plc ghall-kumplament u bhala hlas in parte ta' l-ammont lilha dovut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**